Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/89

21.1.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/89

tal-20 ta' Jannar 2025

li jawtorizza l-introduzzjoni fis-suq tat-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ (dudu tad-dqiq) bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(3) Fit-30 ta' Lulju 2019, il-kumpanija Nutri' Earth ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tintroduċi t-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ (dudu tad-dqiq) bħala ikel ġdid fis-suq tal-Unjoni. L-applikant talab li t-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ jintuża fil-ħobż u fil-bziezen, fil-kejkijiet, fil-prodotti b'bażi ta' għaġin, fil-prodotti tal-patata pproċessati, fil-ġobon u fil-prodotti tal-ġobon u fiz-zlazi tal-frott u tal-ħxejjex, maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali.

(4) Fit-30 ta' Lulju 2019, l-applikant għamel ukoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-istudji u d-data xjentifiċi proprjetarji mressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri, id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni ([3]) u r-riżultati dettaljati tal-analiżijiet tal-kompożizzjoni ([4]).

(5) Fis-17 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex twettaq valutazzjoni tat-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ bħala ikel ġdid.

(6) Fit-28 ta' Marzu 2023, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha bit-titolu "Safety of UV-treated powder of whole yellow mealworm (*Tenebrio molitor* larvae) as a novel food pursuant to Regulation (EU) 2015/2283" ([5]) f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2470/oj).
([3]) Nutri'Earth 2019, 2020, 2021 u 2022 (mhux ippubblikati).
([4]) Nutri'Earth 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 (mhux ippubblikati).
([5]) EFSA Journal 2023;21(5):8009.

(7) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li t-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ huwa sikur bil-kundizzjonijiet tal-użu proposti u fil-livelli tal-użu proposti. Għalhekk, dik l-opinjoni xjentifika tipprovdi bażi suffiċjenti biex jiġi stabbilit li t-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ, meta jintuża fil-ħobż u fil-bziezen, fil-kejkijiet, fil-prodotti b'bażi ta' għaġin, fil-prodotti tal-patata pproċessati, fil-ġobon u fil-prodotti tal-ġobon u fiz-zlazi tal-frott u tal-ħxejjex, maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali, jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq tiegħu f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) F'dik l-opinjoni, l-Awtorità osservat ukoll li minkejja li t-trattament bir-raġġi UV tat-trab miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ iżid il-kontenut tal-vitamina D_3 tiegħu, l-ikel ġdid mhuwiex kontributur dijetetiku sinifikanti tal-vitamina D_3. Madankollu, meta jitqies li l-ikel li fih l-ikel ġdid jista' jispiċċa b'ammont ta' vitamina D li jitqies sinifikanti skont l-Anness XIII, il-Parti, il-Punt 2 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar dak il-fatt. F'dawn il-każijiet, id-denominazzjoni tal-ikel ġdid għandha tkun akkumpanjata bid-dikjarazzjoni "fih il-vitamina D prodotta mit-trattament bir-raġġi UV" u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandu jkun fiha l-ammont tal-vitamina D.

(9) Abbażi tal-evidenza ppubblikata limitata tal-allerġiji tal-ikel marbuta mal-konsum tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* u tal-evidenza li turi li l-ispeċijiet tal-filu *Arthropoda* li għalih jappartjeni t-*Tenebrio molitor*, fihom għadd ta' proteini potenzjalment allerġeniċi, l-Awtorità kkonkludiet, fl-opinjoni tagħha, li l-konsum tal-ikel ġdid jista' jwassal ukoll għas-sensitizzazzjoni għall-proteini tal-larvi tat-*Tenebrio molitor*. Għalhekk, l-Awtorità rrakkomandat li ssir aktar riċerka dwar l-allerġeniċità tal-larvi tat-*Tenebrio molitor*.

(10) Sabiex tindirizza r-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni bħalissa qed tesplora l-modi biex twettaq ir-riċerka meħtieġa dwar l-allerġeniċità tal-larvi tat-*Tenebrio molitor*. Sakemm id-data ta' din ir-riċerka tiġi vvalutata mill-Awtorità, u meta jitqies li, sal-lum il-ġurnata, l-evidenza li torbot direttament il-konsum tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* mal-każijiet ta' sensitizzazzjoni primarja u allerġiji hija limitata, il-Kummissjoni tqis li ma jenħtieġx jiġi inkluż l-ebda rekwiżit ta' tikkettar speċifiku fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat li jikkonċerna l-potenzjal tat-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ li jikkawża sensitizzazzjoni primarja.

(11) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità qieset ukoll li l-konsum tat-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi fil-persuni li huma allerġiċi għall-krustaċji u għall-akari tat-trab. Barra minn hekk, l-Awtorità osservat li jista' jkun hemm allerġeni addizzjonali li jispiċċaw fl-ikel ġdid, jekk dawk l-allerġeni jkunu preżenti fis-substrat mitmugħ lill-insetti. Għalhekk, jixraq li l-ikel li fih it-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ jiġi ttikkettat kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(12) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità osservat ukoll li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tat-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ kienet ibbażata fuq l-istudji u d-data xjentifiċi dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni u fuq ir-riżultati dettaljati tal-analiżijiet tal-kompożizzjoni, li minghajrhom ma setgħetx tivvaluta l-ikel ġdid u tasal għall-konklużjoni tagħha.

(13) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq dawk l-istudji u d-data xjentifiċi u biex jiċċara t-talba tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għalihom f'konformità mal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1169/oj).

(14) L-applikant iddikjara li kellu d-drittijiet proprjetarji u esklużivi ta' referenza għall-istudji u d-data xjentifiċi dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni u għar-riżultati dettaljati tal-analiżi tal-kompożizzjoni, skont id-dritt nazzjonali fiż-żmien meta ressaq l-applikazzjoni, u li l-partijiet terzi ma jistgħux jaċċessaw, jużaw jew jirreferu għal dik id-data u għal dawk l-istudji b'mod legali.

(15) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant u qieset li dan kien ta biżżejjed provi li kien issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, jenħtieġ li l-istudji u d-data xjentifiċi dwar id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni u r-riżultati dettaljati tal-analiżijiet tal-kompożizzjoni jiġu protetti f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat jintroduċi t-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ fis-suq fl-Unjoni fil-5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(16) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ u tar-referenza għall-istudji u d-data xjentifiċi li jinsabu fil-fajl tal-applikant għall-użu tiegħu biss ma twaqqafx lil applikanti sussegwenti milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq tal-istess ikel ġdid, dment li l-applikazzjoni tagħhom tissejjes fuq informazzjoni miksuba legalment li tappoġġa din l-awtorizzazzjoni.

(17) Jenħtieġ li t-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat kif xieraq.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. It-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ huwa awtorizzat li jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

It-trab ittrattat bir-raġġi UV miksub mil-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kumpanija Nutri'Earth ([7]) biss hija awtorizzata li tintroduċi fis-suq fl-Unjoni l-ikel il-ġdid, imsemmi fl-Artikolu 1, għal perjodu ta' 5 snin mill-10 ta' Frar 2025, sakemm ma jkunx hemm xi applikant sussegwenti li jikseb awtorizzazzjoni għal dak l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għad-data xjentifika protetta skont l-Artikolu 3 jew bi qbil ma' Nutri'Earth.

Artikolu 3

Id-data xjentifika li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283 ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr qbil ma' Nutri'Earth.

([7]) Nutri'Earth 68, rue Louis Joseph Gay Lussac, 62220 Carvin, Franza.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-Data
	Kategorija tal-ikel speċifikat	*Livelli massimi (g/100 g) (Livelli massimi ta' vitamina D_3 (µg/100 g ikel))*			
"Trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ (dudu tad-dqiq)	Ħobż u bziezen	4,0 (≤ 3,2 µg vitamina D_3 /100 g ikel)	1. Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li jkun fihom dan l-ikel għandha tkun "trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* (dudu tad-dqiq)". 2. It-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom it-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* (dudu tad-dqiq) sħaħ għandu jkollu dikjarazzjoni li dan l-ingredjent jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi għall-konsumaturi b'allerġiji magħrufa għall-krustaċji u għall-prodotti tagħhom, u għall-akari tat-trab. Din id-dikjarazzjoni għandha tidher qrib il-lista tal-ingredjenti jew, fin-nuqqas ta' lista tal-ingredjenti, qrib isem l-ikel. 3. Meta l-ikel il-ġdid jiżdied mal-prodott finali li jkun fih ammont ta' vitamina D li jitqies sinifikanti f'konformità mal-Anness XIII, il-Parti A, il-Punt 2 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, id-denominazzjoni tal-ikel ġdid għandha tkun akkumpanjata b'"li fih il-vitamina D prodotta minn trattament bir-raġġi UV", u d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandu jkun fiha l-ammont tal-vitamina D.		Awtorizzat nhar l-10 ta' Frar 2025. Din l-inklużjoni hija bbażata fuq evidenza u data xjentifiċi proprjetarji protetti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283. Applikant: "Nutri'Earth 68, rue Louis Joseph Gay Lussac, 62220 Carvin, Franza. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-data, l-ikel il-ġdid li hu t-trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ (dudu tad-dqiq) huwa awtorizzat għall-introduzzjoni fis-suq fl-Unjoni minn "Nutri'Earth" biss, sakemm applikant sussegwenti ma jiksibx l-awtorizzazzjoni għal dan l-ikel il-ġdid mingħajr referenza għall-evidenza u data xjentifiċi proprjetarji protetti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi qbil ma' "Nutri'Earth". Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-data: l-10 ta' Frar 2030;
	Ħobż u bziezen	4,0 (≤ 3,2 µg vitamina D_3 /100 g ikel)			
	Kejkijiet	4,0 (≤ 3,2 µg vitamina D_3 /100 g ikel)			
	Prodotti bbażati fuq l-għaġin	3,5 (≤ 2,8 µg vitamina D_3 /100 g ikel)			
	Prodotti tal-patata pproċessati	3,0 (≤ 2,4 µg vitamina D_3 /100 g ikel)			
	Ġobon u prodotti tal-ġobon	1,0 (≤ 0,8 µg vitamina D_3 /100 g ikel)			
	Zlazi tal-frott u tal-ħxejjex	3,5 (≤ 2,8 µg vitamina D_3 /100 g ikel)			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
Trab ittrattat bir-raġġi UV tal-larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ (dudu tad-dqiq)	**Deskrizzjoni/Definizzjoni**: L-ikel ġdid huwa t-trab ittrattat bid-dawl ultravjola (UVB) miksub minn larvi tat-*Tenebrio molitor* sħaħ, ittrattati bis-sħana u miħuna (dudu tad-dqiq). It-terminu "dudu tad-dqiq" jirreferi għall-forma tal-larva tat-*Tenebrio molitor*, li hu speċi ta' insett tal-familja tat-Tenebrionidae (ħanfus tat-tniebri). Sinonimu xjentifiku ieħor identifikat huwa dak ta' *Tenebrio molitor* Linnaeus. Huwa meħtieġ perjodu minimu ta' 24 siegħa sawm qabel l-istadju tat-tnixxif termali, sabiex il-larva tkun tista' tbattal il-kontenut tal-imsaren.
	Karatteristiċi/Kompożizzjoni: Proteina mhux raffinata (N x 6,25) (% w/w): 50,0 – 55,0 Xaħam (% w/w): 30,0 – 37,0 Karboidrati totali (% w/w): 6,0 – 7,5 Fibra mhux raffinata (% w/w): 3,0 – 4,5 Kitina* (% w/w): 5,5–8,5 Irmied (% w/w): 3,0 – 4,0 Ndewwa (% w/w): 1,4 - 3,5 Valur tal-perossidu (meq O_2/kg xaħam): ≤ 5,0 Attività tal-ilma (a_w): < 0,6 Vitamina D_3 (µg/100 g): 35,0 – 79,0 Manganiż (mg/kg): ≤ 11,5 Ram (mg/kg): ≤ 16,0 **Metalli tqal**: Ċomb (mg/kg): ≤ 0,02 Kadmju (mg/kg): ≤ 0,1 Merkurju (mg/kg): ≤ 0,005 Arseniku (mg/kg): ≤ 0,05 **Mikotossini**: Aflatossina B1 (µg/kg): ≤ 2 Aflatossini (Is-somma ta' B1 + B2 + G1 + G2, µg/kg): ≤ 4 Deossinivalenol (µg/kg): ≤ 200 Okratossina A (µg/kg): ≤ 1 **Diossini u PCB:** PCDDs/F + PCB TEQ (pg/g xaħam): ≤ 0,75

"Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
	Kriterji mikrobijoloġiċi: *Bacillus cereus*: ≤ 100 UJK**/g *Clostridium perfringens*: ≤ 10 UJK/g *Escherichia coli* pożittiv għall-beta-glukuronidaži: ≤ 10 UJK/g Batterji mežofiliċi aerobiċi: ≤ 10^5 UJK/g *Listeria monocytogenes*: Mhux individwata f'25 g Ħmira u moffa: ≤ 100 UJK/g Enterobacteriaceae: < 10 UJK/g Stafilokokki pożittivi għall-koagulaži: ≤ 100 UJK/g Anaerobi li jirriduċu s-sulfit: < 10 UJK/g *Salmonella* spp.: Mhux individwata f'25 g * Il-kitina kkalkulata bħala d-differenza bejn il-frazzjoni tal-Fibra tad-Deterġenti tal-Aċidu u l-frazzjoni ta' Lignin tad-Deterġenti tal-Aċidu (ADF-ADL), kif deskritt minn Hahn et al. (2018); PCDDs/F + PCB TEQ: Is-somma tal-livell superjuri tad-dibenżo-p-diossina poliklorurata (PCDD)-poliklorodibenżofurani (PCDF) u tal-poliklorobifenili simili għad-diossini (PCB) espressa bħala l-Fatturi tal-Ekwivalenti Tossiku (TEQ) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (bl-użu tal-WHO-TEF tal-2005)) ** UJK: Unitajiet li Jiffurmaw il-Kolonji".